MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 20/2003

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)

vs

Anthony Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 260783(M) akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-5 u 6 ta' Lulju 2002 bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipedenti mill-volontà tieghu u li kieku sehh kien ikun agravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Ettiene Licari mill-Imsida;

2. f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioè ghamel hsara fl-aperturi ta’ Garage No5 f’Tower Street, Imsida ghad-dannu ta’ l-istess Etienne Licari liema hsara hija ta’ anqas minn Lm50;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;
4. ikkommetta reat/delitt li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 21 ta’ Ottubru, 1999.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat.
L-imputat jinsab akkuzat b’attentat ta’ serq aggravat bil-mezz, hin u valur, li ghamel hsara volontarja, b’ricediva u li kkommetta r-reati li ghalihom irid jirrispondi illum waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Illi mill-provi r-reati odjerni jirrizultaw kollha.

Rat ghal fini ta’ piena l-Artikolu 41, 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 279, 280, 325, 17, 28A, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah komplessivament:

- billi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 testendi z-zmien tas-sentenza sospiza tat-21 ta’ Ottubru 1999 ghal perjodu ta’ erba’ snin dekorribbli mil-lum.
- Timmultah multa ta’ 300 euro li qeghda tawtorizza li jithallsu b’pagamenti ta’ 50 euro fix-xahar bl-

ewwel pagament sal-ahhar ta’ Gunju 2008 u b’pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u interrottament fl-ahhar ta’ kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas konvertibbli f’gimghatejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------